MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 2125/2000/1

***Fino Futuro Limited***

***Versus***

**Paul Fenech personalment, eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *Classic Jewellers***

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għal xogħol magħmul b’appalt għall-konvenut; il-konvenut ma jridx iħallas għax qiegħed igħid illi x-xogħol ma sarx sew.
Iċ-ċitazzjoni u l-eċċezzjonijiet huma mfissra fis-sentenza mogħtija fis-16 ta’ Mejju 2003 fejn il-qorti, wara li qalet li kien hemm nuqqasijiet fix-xogħol li għalih qiegħda titlob ħlas is-soċjetà attriċi, tatha żmien biex tagħmel tajjeb dawk in-nuqqasijiet u irriservat li tipprovdi dwar it-talba tagħha biex tikkundanna lill-konvenut iħallas il-prezz tax-xogħol wara li jkunu tlestew ix-xogħlijiet rimedjali.
Is-soċjetà attriċi baqgħet ma lestietx ix-xogħol li kellha tagħmel skond is-sentenza tas-16 ta’ Mejju 2003 fiż-żmien li ngħatalha, ukoll wara li dak iż-żmien kien imġedded.

Għalhekk, billi s-soċjetà attriċi baqgħet ma lestietx ix-xogħol li għalih qiegħda titlob ħlas, it-talba tagħha ma tistax tintlaqa'. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------